PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2011/0006(COD)**

27.6.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
(COM(2011)0008 – C7-0027/2011 – 2011/0006(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 68**
Id-Direttiva 2009/138/KE:
Artikolu 301c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien perjodu ta’ *xahrejn* mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiżdied b’xahar. | Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat fi żmien perjodu ta’ *tliet xhur* mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiżdied b’xahar. |

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu għall-oġġezzjonijiet għandu jiżdied sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikollhom biżżejjed żmien għall-istudju tal-att iddelegat propost u biex iħejju opinjoni ta' kwalità tajba fuqu.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva – att li jemenda**
**Artikolu 2 – punt 70**
Id-Direttiva 2009/138/KE:
Artikolu 308a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-Kummissjoni tkun adottat att delegat f'konformità mal-Artikolu 308b(6), l-Artikolu 35(5) ma għandux japplika għal perjodu massimu ta' *ħames* snin mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 309(1). | 1. Meta l-Kummissjoni tkun adottat att delegat f'konformità mal-Artikolu 308b(6), l-Artikolu 35(5) ma għandux japplika għal perjodu massimu ta' *tliet* snin mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 309(1). |

*Ġustifikazzjoni*

*Fl-istadju preliminari tat-taħditiet, tqanqlet il-kwestjoni tal-avarija bejn l-Artikoli 308a(1) u 308b(b)(a) - tal-ewwel jiddisponi perijodu tranżittiv ta' ħames snin, tat-tieni ta' tliet snin. Skont ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, il-perijodu l-korrett huwa tliet snin. L-iskop ta' din l-emenda huwa li tiġi eleminata din l-ineżattezza teknika.*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| **Referenzi** | COM(2011)0008 – C7-0027/2011 – 2011/0006(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>**Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | ECON<br>3.2.2011 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>**Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | JURI<br>3.2.2011 |
| **Rapporteur(s)**<br>**Data tal-ħatra** | Dimitar<br>Stoyanov<br>28.2.2011 |
| **Eżami fil-kumitat** | 11.4.2011 24.5.2011 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.6.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio López-Istúriz White, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Alexandra Thein, Diana Wallis, Rainer Wieland, Tadeusz Zwiefka |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Piotr Borys, Vytautas Landsbergis, Kurt Lechner, Eva Lichtenberger, József Szájer |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jörg Leichtfried, María Muñiz De Urquiza |